REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1524

tat-8 ta' Settembru 2022

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, għal ċertu perjodu tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda skont il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Oġġett (imsejjaħ kutra tal-pikniks), b'daqs ta' madwar 200 cm x 150 cm, magħmul minn żewġ saffi ta' drappijiet tessili nnittjati (ta' fibri sintetiċi), li wieħed minnhom ikun illaminat b'folja tal-plastik fuq naħa waħda. Iż-żewġ saffi tad-drappijiet tessili huma magħqudin flimkien b'bordura meħjuta mal-erba' naħat b'faxxa tessili minsuġa żgħira. Is-saff laminat jipproteġi kontra l-umdità u l-ħmieġ tal-art, iżda mhuwiex impermeabbli għall-ilma. Meta jiġi rrumblat, l-oġġett jista' jinżamm magħluq permezz ta' flap imwaħħla, magħmula minn drappijiet tessili nnittjati b'sistema tal-għeluq tat-tip velcro, u jista' jinġarr permezz ta' maqbad (ċinga tessili) imwaħħal mal-flap. (Ara l-istampa) (*)	6306 90 00	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 7(d) u (f) tat-Taqsima XI u min-Nota 2(a) tal-Kapitolu 59 tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 6306 u 6306 90 00. Minħabba l-materjali tal-prodott (drappijiet innittjati ta' fibri sintetiċi tal-intestatura 6006 u drappijiet tessili nnittjati llaminati bil-plastik tal-intestatura 5903) l-oġġett huwa oġġett tessili tat-Taqsima XI. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6301 bħala gverta hija eskluża, minħabba li l-oġġett ma għandux il-karatteristiċi oġġettivi tipiċi ta' gverta, pereżempju li jkun tajjeb biex jiddawwar mal-ġisem jew jgħatti l-ġisem ta' persuna biex ma tħossx il-bard. Dan l-oġġett sempliċement jipproteġi persuna bilqiegħda fuqu mill-umdità u mill-ħmieġ tal-art. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 6304 bħala oġġetti oħra tad-dar hija eskluża, minħabba li l-oġġett mhuwiex maħsub għall-użu fuq ġewwa, iżda għall-użu mal-art fil-beraħ. Ara n-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) tal-intestatura 6304, l-ewwel paragrafu. Abbażi tal-karatteristiċi oġġettivi tiegħu (ħafif, illaminat għall-protezzjoni, faċli biex jinfetaħ u biex jiġi ppakkjat, u faċli biex jiġi trasportat), l-oġġett huwa intiż għall-użu fuq barra biex jittieħed, pereżempju, fil-kampeġġi, fejn il-baħar, eċċ. u biex jintuża hemmhekk b'mod temporanju (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għas-subintestatura 6306 90 00). Għaldaqstant l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 6306 90 00 bħala oġġetti oħra għall-ikkampjar.

(*) L-istampa hija biss għal raġunijiet ta' informazzjoni.

